



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 76/26

Il-Lussemburgu, 21 ta' Mejju 2026

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-198/24 | Mr Green

Ordni Ewropea għas-sekwestru kawtelatorju ta' kontijiet bankarji: I-aġir tad-debitur li jmur lura għal diversi snin u l-eżistenza, fl-Istat Membru ta' stabbiliment tad-debitur, ta' liġi li tista' tostakola l-irkupru tal-kreditu kkonċernat jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi ddeterminata l-urġenza

Mr Green, operatur Malti tal-logħob tal-ażżard online ¹, ġiet ikkundannata fl-Awstrija, fl-aħħar tal-2021 ², tirrimborsa lill-ġugatur residenti f'dan l-Istat Membru l-ġugati li huwa kien tilef. Fil-fatt, Mr Green ma kellhiex liċenzja tal-logħob tal-ażżard Awstrijaka, b'tali mod li l-kuntratt tal-logħob kien ġie meqjus null u bla effett.

Peress li Mr Green ma rrimborsax dawn il-ġugati, il-ġugatur ikkonċernat adixxa, fl-2024, lill-qradi Awstrijaċi b'talba għal ordni Ewropea għas-sekwestru kawtelatorju ta' kontijiet bankarji. Din it-talba kienet tirrigwarda l-kontijiet ta' Mr Green fl-Irlanda, fil-Lussemburgu, f'Malta u fl-Iżvezja.

Wara li ġiet ikkundannata mill-qradi Awstrijaċi tirrimborsa t-telf ta' ġugaturi oħra, Mr Green kienet xoljiet, fl-2021, ir-relazzjoni kummerċjali tagħha mal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas Awstrijak tagħha. Il-ġugatur isostni għalhekk li jeżisti riskju li Mr Green taġixxi bl-istess mod fl-Irlanda, fil-Lussemburgu u fl-Iżvezja, sabiex tneħħi l-assi tagħha mill-kredituri tagħha billi tittrasferixxihom lejn Malta. Issa, minn Ġunju 2023, liġi Maltija tipprojbixxi l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet barranin kontra operaturi tal-logħob tal-ażżard li jkollhom liċenzja Maltija.

Il-Qorti Reġjonali ta' Vjenna għal Kwistjonijiet Ċivili, filwaqt li esprimiet dubji dwar jekk dawn iċ-ċirkustanzi jistgħux jitqiesu meta jiġi evalwat jekk il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' ordni Ewropea għas-sekwestru kawtelatorju ta' kontijiet bankarji humiex issodisfatti, talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta r-Regolament tal-Unjoni li jstabbixxi proċedura ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet ³.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-qorti adita b'talba għal tali ordni tista' twettaq evalwazzjoni globali taċ-ċirkustanzi invokati mill-kreditur sabiex tivverifika jekk jeżistix riskju reali, relatat mal-aġir tad-debitur, li, fin-nuqqas tal-adozzjoni ta' din l-ordni, dan jista' jipprekludi l-irkupru tal-kreditu jew jagħmlu sostanzjalment iktar diffiċli.

Hija tirrispondi għad-domanda tal-qorti Awstrijaka kif ġej: **il-qorti adita b'rikors għal ordni Ewropea għal sekwestru kawtelatorju tista' tieħu inkunsiderazzjoni, sabiex tiddetermina jekk hemmx urġenza li tiġi adottata din l-ordni, aġir tad-debitur li jkun seħħ diversi snin qabel it-tressiq ta' din it-talba. Barra minn hekk, hija tista' tieħu inkunsiderazzjoni wkoll l-eżistenza, fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit id-debitur, ta' liġi li tista' tostakola l-irkupru tal-kreditu kkonċernat.**

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qradi tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa

quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qradi nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ Il-kumpannija Mr Green Limited għandha s-sede tagħha f'Malta, fejn hija għandha liċenzja għal-logħob tal-ażżard online.

² Din il-kundanna saret definittiva u eżegwibbli fit-13 ta' April 2022, wara li l-appell ippreżentat minn Mr Green ġie miċħud.

³ [Regolament \(UE\) Nru 655/2014](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbixxi proċedura ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru transkonfinali tad-dejn f'materji ċivili u kummerċjali.